MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Avviz Numru. 177/2012

**FM Promotions Limited (C-46636)**

**Vs**

**CS Motors Limited (C46026)**
**Christian Demanuele (K.I. 66176M)**
**Denise Demanuele (K.I.11433A)**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' erbat elef, mitejn u tnax-il ewro sittin centezmu (€4,212.60) rapprezentanti zewg cekkijiet mahruga minnek fuq il-kont numru 40018050125 tal-Bank of Valletta plc bic-cekkijiet numri 438 hawn anness u mmarkat bhala Dok A ta' valur ta' elf ewro (€1,000) mahrug fis-17 ta' Mejju, 2010 u cekk numru 469 hawn anness u mmarkat bhala Dok B datat 30 ta' Gunju, 2010 ta' valur ta' tlett elef mitejn u tnax-il Ewro u sittin centezmu

(€3,212.60), liema cekkijiet ma ssarfux u liema hlas ma giex effettiv minkejja illi gejt bosta drabi nterpellat anke permezz ta’ ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, datata erbgha (4) t’Awwissu, 2011, liema kopja legali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok C.

Illi qed jigi ntavolat Mandat ta’ Sekwestru kontestwalment ma’ dan il-avviz.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju.

Wara li rat li l-imsemmija Dok A u Dok B ma humiex annessi mal-atti izda hemm anness kopja legali tal-ittra ufficjali markata Dok C,

Wara li rat li l-konvenuti kollha gew debitament notifikati u dehru quddiem din il-Qorti kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Lulju, 2012.

Wara li rat dak verbalizzat waqt is-seduta tad-9 ta’ Awwissu, 2012 kif ukoll dak risultanti mill-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Settembru, 2012 minn fejn jidher li ceda l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenuta, Denise Demanuele biss.

Wara li rat in-Nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut u s-socjeta’ konvenuta jwiegbu ghalihom bil-gurament, b’hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702(3)(b) Procedura Civili)

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenut u s-socjeta konvenuta naqsu milli jidhru fis-17 ta’ Settembru, 2012 meta gew ppresentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz fil-konfront ta’ Denise Demanuele biss, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut u lis-socjeta konvenuta sabiex jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef,

mitejn u tnax-il ewro, sittin centezmu (€4,212.60), solidalment bejniethom kif ukoll l-imghax legali mit-30 ta' Gunju, 2010 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 t'Awwissu, 2011 u tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju tat-18 ta' Mejju, 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------